# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org


03 ta' Ġunju 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 74A/2008

## DOKUMENT KONSULTATTIV DWAR IT-TAGĦLIM TAR-RELIĠJON FL-ISKEJJEL KOLLHA

Is-Segretarjat ta' l-Arċidjoċesi għall-Katekeżi nieda dokument konsultattiv dwar it-Tagħlim tar-Reliġjon fl-iskejjel kollha. Id-dokument, bit-titlu *Religious Education in Malta, Reflections by the Catholic Community,* ġie ppreżentat f'Konferenza Stampa li saret it-Tlieta, 3 ta' Ġunju 2008, fil-Kurja ta' l-Arċisqof.

F'dawn l-aħħar snin il-Knisja, permezz tas-Segretarjat għall-Katekeżi, għamlet evalwazzjoni dwar it-Tagħlim tar-Reliġjon fl-iskejjel. Is-Sinodu Djoċesan kien speċifika l-ħtieġa li jkun hemm definizzjoni ċara tas-suġġett sabiex jinbeda l-proċess ta' reviżjoni tas-sillabi, testi, formazzjoni kontinwa ta' l-għalliema u t-tisħiħ tar-*Religious Counselling* fl-iskejjel.

Għal xi żmien l-*issue* tat-tagħlim tar-reliġjon kienet tqum spiss fil-laqgħat djoċesani u għalhekk kien evidenti li r-rieda li ssir reviżjoni f'dan il-qasam kienet ġejja mil-livelli kollha tal-Knisja. Wara erba' snin ta' riċerka u konsultazzjoni, sottokumitat fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi qed jippreżenta d-dokument *Religious Education in Malta* bil-ħsieb li jkun diskuss tul Konferenza Nazzjonali. Fuq il-bażi ta' studju fil-fond dwar is-soċjetà Maltija, u fuq l-iżviluppi fil-qasam ta' l-Edukazzjoni, id-dokument jippreżenta definizzjoni tat-tagħlim tar-Reliġjon li tirrifletti l-ħtiġiet tal-kuntest Malti.

Dr Adrian Gellel, Chairperson tas-sottokumat, qal li din kienet l-aktar parti mpenjattiva peress li ma jeżistix mudell wieħed fil-pajjiżi tal-punent. Il-bdil kontinwu fis-soċjetà u fir-relazzjoni mar-reliġjon iwassal lill-Knisja u lill-persuni responsabbli mill-*policies* sabiex jidħlu fi proċess ta' rievalwazzjoni kontinwu b'tali mod li s-suġġett jilħaq il-ħtiġiet ta' l-istudenti u tas-soċjetà.

Il-Konferenza Nazzjonali, li se titlaqqa' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2008 fil-Ballroom tal-Hotel Phoenicia fis-6.00pm hi miftuħa għal kull min hu interessat. L-għan tal-konferenza hu li jkun hemm konsultazzjoni wiesa' li twassal għal *policy paper* li tiġi ppreżentata lill-Konferenza Episkopali Maltija.

Hu l-ħsieb tad-dokument li jiċċara d-distinzjoni bejn it-tagħlim tar-reliġjon fl-iskola u l-katekeżi li ssir fil-parroċċa. Skond kif inhu propost, iċ-ċentrali għat-tagħlim tar-reliġjon se jkun l-*empowerment* ta' l-istudenti b'lingwaġġ li jgħinhom jgħixu b'mod sħiħ u jkunu kapaċi jaffrontaw l-isfidi fil-ħajja personali u soċjali tagħhom. Qed jiġi ttamat li t-tagħlim tar-reliġjon ikun kapaċi jibni fl-istudenti ħiliet sabiex jibnu l-identità tagħhom u jgħinhom jgħixu f'komunità billi jkunu responsabbli b'mod etiku u morali. Mingħajr ma jnaqqas xejn liċ-ċentralità tal-fidi Kattolika, id-dokument jipproponi li jintroduċi l-istudenti għas-sbuħija li wieħed jista' jsib f'reliġjonijiet oħrajn. Dan it-tip ta' għerf huwa meħtieġ b'mod speċjali fi żminijietna għal konvivenza ċivili aħjar.

Fost id-diversi inizjattivi, id-dokument jipproponi li jkun hemm żieda tan-numru fil-lezzjonijiet tar-reliġjon fl-iskejjel tal-Knisja, ristrutturazzjoni tar-*Religious Counselling* u introduzzjoni ta' għalliema tar-Reliġjon fis-settur primarju bħala riżorsa u sostenn għall-għalliema tal-klassi.